KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 18/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 18

*It-Tlieta 24 ta' Novembru 2020*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 17 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt 2.2 is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi saru applikazzjonijiet sabiex l-isqaqien kollha ta' wara ċ-ċimiterju tal-Addolorata jkollhom isem uffiċjali u jingħataw l-isem Sqaq San Ġakbu 1, Sqaq San Ġakbu 2, Sqaq ix-Xewk u Sqaq Galluzzu.

2.3. Dwar punti nr. 3.3 is-Sindku informa lill-membri illi ma kienx konvint min-numri mogħtija lilu b'rabta mal-użu tal-iskema tan-*Notebook Centre* u għaldaqstant ma kienx qed japprova li jestendi dan il-kuntratt. Il-membri qablu.

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Ittra mingħand l-impjegata Josephine Camilleri sabiex iġedded sitt ġranet leave għas-sena 2021 skond kif permissibbli bil-ftehim kollettiv għall-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Il-membri approvaw it-talba.

3.2. Korrispondenza mingħand ir-reġjun xlokk bir-rapport ta' ħidma tal-istess reġjun liema rapport ġie ppreżentat lill-membri għall-attenzjoni tagħhom.

3.3. Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Xlokk li qed jinforma lill-Kunsill li r-reġjun ser ikun qed jagħti għotja ta' €1,000 lill-Kunsilli kollha parti mir-reġjun b'risq l-ispejjeż tal-armar tal-Milied.

3.4. Korrispondenza mingħand l-*Animal Welfare and Promotion Services Directorate* b'rabta mal-iskema LC Care li qed japprova l-applikazzjoni għall-proġett li ser jiġi attwat fis-sena 2021 u li jinkludi ikel, mediċini u servizzi veterinarji għall-qtates *stray*. Il-Kunsilliera Yvonne Arqueros irringrazzjat l-amministrazzjoni tal-Kunsill għall-koperazzjoni f'dawn il-proġetti.

3.5. Talba sabiex isir *sleeping police* fi Triq il-Ġdida minħabba l-veloċità li jgħaddu biha l-vetturi fit-triq. Is-Sindku qal li ser ikun qed jiddiskuti din it-talba mal-kuntrattur tas-sinjali u t-tabelli tat-toroq sabiex jara din it-talba hijiex ġustifikata.

3.6. Korrispondenza mingħand Transport Malta dwar talba li waslet għand l-Awtorità sabiex isiru linji doppji fi Triq San Edwardu. Il-membri iddiskutew din it-talba u qablu li fejn il-parkeġġ tal-karozzi huwa biss fuq naħa waħda, fin-naħa l-oħra tat-triq m'għandhomx isiru linji sofor.

4. **Laqgħa tal-Lokalita**

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi skond l-Att għall-Gvern Lokali, għanda issir Laqgħa Annwali tal-lokalità sal-15 ta' Diċembru sabiex jiġu ppreżentati l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021 biex umbagħad ikunu diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill. Għaldaqstant il-membri qablu li din il-laqgħa issir fid-9 ta' Diċembru fil-5.00pm u qablu wkoll li din il-laqgħa tkun miftuħa għall-pubbliku b'mod online u jingħata wkoll iċ-ċans li wieħed jintervjeni b'mod virtwali. Il-membri qablu li però huma għandom jattendu fis-sala sal-Kunsill u josservaw il-miżuri kontra l-imxija tal-Covid-19 kif dejjem sar.

5. **Jum Paola**

5.1. Qabel ta l-kelma lill-Viċi Sindku sabiex jagħti l-aħħar dettalji ta' Jum Paola, s-Sindku ippropona li wara d-diskussjoni li kienet sargħet bejn il-Kunsilliera, din is-sena jingħata Ġieħ Paola lill-*frontliners* Pawlisti li huma parti mill-Ministeri tas-Saħħa u tal-Intern li qed jiffaċċjaw il-pandemija. Il-membri qablu ma' dan u qablu li dawn l-unuri għandom ikunu ppreżentati liż-żewġ Ministri ikkonċernati f'isem il-ħaddiema filwaqt li dawn l-istess ħaddiema Pawlisti jkunu mistiedna.

5.2. Il-Viċi Sindku Darren Lynch qal li f'dawn l-aħħar ġranet saru l-aħħar preparamenti għall-Jum Paola fejn ser issir il-Quddiesa ta' radd il-Ħajr fil-Bażilika ta' Kristu Re nhar is-Sibt li ġej, fis-6.30pm u wara issir il-preżentazzjoni ta' Ġieħ Paola. Huwa kompla li ġie ibbukjat ukoll fotografu għall-okkażjoni kif ukoll l-Kor Hallelulia sabiex janima l-quddies.

## 6. Milied 2020

6.1. Is-Sindku ikkonferma illi ingħalqu id-diskussjonijiet mal-għaqdiet lokali dwar l-armar tal-Milied għal din is-sena. Huwa għaldaqstant ippropona li l-Kunsill jiffinanzja l-armar tal-Milied bl-ammonti jkunu €2,500 kull wieħed lid-De Paule u Kristu Sultan, €1,000 Soċ. Fil. 11 ta' Frar u €700 għall-Għaqda Nar u Armar. Huwa kompla li ser isir ukoll l-armar tas-Siġra tal-Milied.

6.2. Is-Sindku qal li rcievejna żewġ proposti marbuta mal-Milied u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jgħaddi d-dettalji tal-proposti kif annessi wkoll ma dawn il-minuti. Wara diskussjoni il-membri qablu li issir il-proposta tal-Father Christmas li idur mal-lokalita. Il-membri qablu li dan idur mal-lokalita kollha u jekk hemm bżonn il-ħin ikun ta' tlett siegħat bil-ħlas ikun ta' €300.

## 7. Offerti

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-proċess tal-Evalwazzjoni tal-offerti tal-ġbir ta' skart u tal-knis kien intemm u għaldaqstant ppreżenta lill-membri bir-rapporti dettaljati tal-evalwazzjoni. Il-membri approvaw il-konklużjonijiet tar-rapporti ta' evalwazzjoni u għaldaqstant qablu li l-offerti jingħataw kif rrakkomandat mill-istess rapporti ta' evalwazzjoni.

7.2. Is-Sindku informa lill-membri illi l-proċess tad-Design Contest tal-Monument ta' Dom Mintoff kien għaddej hekk kif inħarġet is-sejħa għall-abbozzi li iridu issa jkunu aġġudikati minn bord indipendenti li ser ikun approvat fil-laqgħa li ġejja liema bord ser ikun magħmul minn artisti, l-perit tal-Kunsill kif ukoll xi ħadd viċin tal-familja ta' Dom Mintoff.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku talab lill-membri sabiex ikunu kawti dwar il-posts li isiru fuq il-mezzi soċjali dwar il-ħidma fil-lokalita jew inkella problemi li jkunu għaddejjin fil-lokalita. Kompla billi indirizza lill-Viċi Sindku u talbu sabiex ikun ġust mal-Kunsill meta isiru posts li juru li qisu ix-xogħol fuq ċertu affarijiet beda issa meta jkunu ilhom għaddejjin. Il-Viċi Sindku qal li qatt ma kien l-iskop tiegħu biex jagħmel xi ħsara imma biex jinforma lill-pubbliku bix-xogħol. Is-Sindku sostna li mhux qed iżomm lil ħadd milli jikteb fuq facebook imma għandu jinġieb rispett lejn kulħadd u talab lill-membri li jekk ikollhom bżonn jistaqsuh xi ħaġa jistgħu jkellmuh x'ħin iridu.

8.2. Is-Sindku xtaq li jieħdu din l-opportunita sabiex jirringrazzja lill-On. Silvio Parnis tal-impenn tiegħu bħala Segretarju Parlamentari f'dawn l-aħħar snin.

**9. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>**

9.1. Il-Kunsillier Bartolo talab sabiex isir xi dawl fi Triq Gurbell li jagħti fuq is-*soft area* li hemm fit-triq u li fiha hemm l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes.

9.2. Il-Kunsillier Bartolo staqsa wkoll dwar l-art tal-pjazza. Is-Sindku qal li bħalissa żgur li mhux iż-żmien li tissewwa it-triq hekk kif din trid tingħalaq għal ftit xhur biex tissewwa però qal li ser ikompli jagħmel il-pressjoni meħtieġa biex din issir fil-bidu tas-sena id-dieħla.

**10. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 18 għas-somma ta' €69,079.66.

**11. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fit-7:35pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2020.

11.2. Konfermati, illum L-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |